# Il-Ħadd 10.08.2014

1. Ninfurmawkom illi l-Avviżi tal-parroċċa li jinqraw bħalissa bdew jittellgħu fuq il-websajt tal-parroċċa: http://parroccasafi.wordpress.com/ fis-sezzjoni AVVIŻI. Hekk niffaċilitaw aktar il-komunikazzjoni, anke għal min minħabba raġunijiet varji ma jkunx jista' jattendi l-quddies fil-parroċċa tagħna. Nieħdu interess u nagħmlu użu tajjeb minn dan is-servizz; nirringrazzjaw lill-Kummissjoni Liturġija tal-parroċċa li qed tikkordina dan is-servizz.

2. Bħas-snin li għaddew il-Kor tat-tfal Kreattiv se jkun qed jagħti sehmu fil-kant tat-Tridijiet tal-Festa ta' San Pawl. Għalhekk dawk it-tfal li minn Settembru li ġej ser jkunu Year 3, 4, 5 jew 6 f'xi skola primarja jistgħu jingħaqdu minn issa ma' dan il-kor. Dawk interessati huma mitluba jiġu hawn il-knisja nhar it-Tnejn fis-7:00pm. Ir-rehearsal idum nofs siegħa, sas-7:30pm, u matulha jsir test ħafif tal-vuċi. Jekk xi ħadd ma jistax jattendi t-Tnejn imma jixtieq jieħu sehem, jagħti ismu lis-surmast Tony Pace, jew lili.

3. Il-Ġimgħa 15/08 hija l-Festa tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma - Santa Marija. Bħala nsara niftakru li għandna d-dmir li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa, li tkun fl-istess ħinijiet ta' nhar ta' Ħadd.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 212 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 90 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa. Grazzi mill-qalb.